TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1700

KAZ NRU. 2224

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

General Workers Union

u

Kalaxlokk Co. Ltd.

dwar nuqqas ta' qbil fuq kumpens lill-haddiema assenjati fuq xoghol privat matul in-nofs ta' nhari u dwar it-tnaqqis mill-leave tal-haddiema li ma giex utilizzat.

Data : 15 ta' Mejju 2006.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Membri : Is-Sur Charles Mizzi
Is-Sur Carlo Cini

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni , Zghazagh u Xoghol b'ittra datata l-1 t'Ottubru 2004 fuq talba ta' l-Avukat Aron Mifsud Bonnici ghan-nom tal-General Workers Union skond l-Artiklu 74 ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali.

It-Tribunal zamm tmien seduti.

Il-General Workers' Union (GWU), aktar il-quddiem tissejjah il-"Union", kienet rapprezentata mill-Avukati Aron Mifsud Bonnici u Marvic DeBarro u Kalaxlokk Co. Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kunpanija", kienet rapprezentata mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Fl-Istqarrija tal-Kaz il-Union sostniet li l-haddiema kellhom jigu kompensati b'*time off in lieu* ghat-telfien tan-nofs ta' nhari f'Awissu meta kienu ntbaghtu jahdmu ma kuntrattur. Dan ghaliex, ghalkemm fil-ftehim tad-29 ta' Lulju 2000 kien gie accettat li meta haddiema jintbaghtu jahdmu fuq xoghol privat josservaw l-hinijiet tax-xoghol li jkunu applikati fuq il-lant partikolari, izda kellhom jibqghu fuq il-kotba tal-Kumpanija u jigu garantiti l-kundizzjonijiet, il-pagi u l-beneficcji stipulati fil-Ftehim Kollettiv. Barra minn hekk minhabba waqfien tax-xoghol b'rizultat ta' nuqqas tal-Kumpanija ma kellhomx jigu penalizzati l-haddiema billi l-granet mitlufa jittiehdu mill-leave taghhom.

Il-Kumpanija kkontendiet li l-ftehim li sar mal-Union kien biex il-Kumpanija tibqa topera u zzomm il-haddiema fl-impieg u li l-hinijiet tax-xoghol kellhom ikunu dawk applikabbli fil-post tax-xoghol fejn ikunu assenjati l-haddiema minghajr distinzjoni bejn sajf u xitwa. Dwar il-waqfien tax-xoghol mhux ragonevoli li, darba li ma sarx xoghol, il-Kumpanija tehel spejjes zejda specjalment fic-cirkostanzi li kienet tinsab fihom.

Dwar l-ewwel punt ma hemm ebda dubju li skond il-Ftehim il-haddiema kellhom josservaw il-hinijiet applikabbli fuq il-lant tax-xoghol partikolari. Izda l-Ftehin jghid ukoll li l-hinijiet tax-xoghol kellhom ikunu ta' gimgha t'erbghin siegha mifruxa fuq hamest ijiem is-sena kollha hlief Awissu meta jinhadmu nofs ta' nhari ta' sitt sieghat. Dan ghandu jitqies bhala wiehed mill-beneficcji garantiti. Il-haddiema nvoluti, ghalkemm tenuti li josserva il-hinijiet tax-xoghol applikabbli fuq il-lant tax-xoghol fejn kienu, ma ghandhomx jigu trattati ghar minn shabhom li hadmu fuq progetti tal-Kumpanija jew gew assenjati fuq lantijiet fejn kien possibbli li jgawdu n-nofs ta' nhari. L-ekwita tirrikiedi li, jekk fis-sena 2004 hadmu sieghat aktar minn shabhom, ghandhom jigu kompensati b'time off bhala vacation leave ekwivalenti ghas-sieghat zejda.

Dwar it-tieni punt ma hemmx dubju li l-waqfien tax-xoghol kien risponsabbilta tal-Kumpanija. Jirrezulta li l-Kumpanija jkollha *shutdown* ta gimgha f'Awissu u ghalhekk il-haddiema kollha ghandhom hamest ijiem leave marbutin max-*shutdown* u l-kumplament jistghu jiehduh fi zmien maghzul minnhom izda sogget ghall-ezigenzi tal-Kumpanija. Billi l-haddiema nvoluti ma uzawx il-parti tal-leave taghhom marbut max-*shutdown* huwa ekwu li l-Kumpanija tnaqqas hamest ijiem mill-leave taghhom ghall-parti mill-perijodu tal-waqfien izda aktar minn hekk ma ghandux jittiehed mill-leave taghhom.

It-Tribunal japprezza li l-Kumpanija qed taghmel dak kollu possibbli biex izzom il-haddiema fl-impieg u huwa fl-interess tal-Union u tal-Haddiema biex jikkooperaw halli dan isehh. B'dana kollu jidhirlu li haddiema li jintbaghtu ma Kuntrattur u jikkooperaw ma ghandhomx jigu penalizzati billi jmorru ghar minn dawk li jibqu fil-Kumpanija jew fuq progetti tal-Kumpanija. Barra minn hekk, billi l-Kumpanija ghandha nuqqas ta' xoghol, m'ghandux ikun difficli biex tghati ftit granet leave lil haddiema li jimmeritawhom.

It-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddeciedi li :

1. Il-haddiema nvoluti ghandhom jinghataw time-off permezz ta' vacation leave ekwivalenti ghas-sieghat li kienu hadmu fl-2004 aktar minn dawk li baqghu fil-Kumpanija jew fuq progetti taghha.
2. Ghandhom jinghataw lura dawk il-granet ta' vacation leave il-fuq minn hamest ijiem li gew imnaqqsa lilhom mill-*entitlement* tat-2004.

It-Tribunal jordna li dak il-leave addizzjonali li jirrezulta mid-dawn id-decizjonjonijiet ghandu jittiehed fis-sena 2006.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Charles Mizzi
Membru

Carlo Cini
Membru

Mary Rose Galea
Segretarja.